MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Numru. 76/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Joseph Mizzi**

Numru 76/2014

Illum 28 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Joseph Mizzi**, ta' tmintax (18)-il sena, iben Louis u Rose neé Tabone, imwieled ir-

Rabat, Ghawdex, nhar id-19 ta' Mejju 1995 u residenti 'Villa M'Angelo', Triq Birbuba, Gharb, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 29495(G), akkuzat talli nhar is-26 ta' Novembru 2013 u fil-granet ta' qabel gewwa Ghajnsielem, Ghawdex u f'diversi postijiet f'dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti:

1. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta *cannabis* kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikoli 8(a) u 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C").

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali (Dok. "B") tieghu, li hija wahda nadifa.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat Joseph Mizzi hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. "E" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------